MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 338/2005

Kawza fil-lista: 59

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratrici Legali Liliana Buhagiar nominati b' digriet tal-15 ta' Novembru 2005 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu f' Genoa, l-Italja, permezz tar-rit civili, fil-5 ta' Jannar 2002, (Vide Dokument 'A'), liema zwieg gie registrat fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku ta' Malta;

U premess illi mill-imsemmi zwieg ma kienx hemm tfal;

U premess illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli fl-ewwel snin tieghu tant li sseparaw permezz ta' digriet moghti mill-Qorti ta' Genoa, l-Italja, datat 13 ta' Gunju 2005 (vide Dokument 'B'), liema separazzjoni giet registrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta in forza ta' tranzunt fl-Atti tan-Nutar Patricia Hall datat 3 ta' Ottubru 2005 u liema tranzunt gie registrat permezz ta' numru progressiv 19172/05; (vide Dokument 'C');

Premess ukoll illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess ukoll illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inghata bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ta' dritt ghal att taz-zwieg kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn l-imsemmija partijiet huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli 19(1)(d) u (f) ta' l-Att taz-Zwieg ta' l-1975 b'tortijiet imputabbli lill-partijiet;

Jghid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-5 ta' Jannar 2002 huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u senjatament ghal dak li jipprovdi l-artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f' dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u

rrizervaw li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntratt mal-konvenut C D fil-5 ta’ Jannar 2002 fl-Italja, u debitament registrat f’ Malta, huwa null fil-ligi minhabba li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici zzewwget lil C D, ta’ nazzjonalita’ Taljana, fil-5 ta’ Jannar 2002 wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha kemm ghalqet 18 il-sena u l-konvenut kellu 23 sena. Hija kienet saret taf lil C D tramite l-internet u wara ftit xhur, telghet l-Italja u zzewwget malajr peress li l-permess tas-soggjorn taghha kien wasal biex jiskadi. Di fatti wara zwieg huma damu sitt xhur jghixu separatament sakemm izzewgu bir-rit religjuz. Wara konvivenza ta’ circa sentejn il-partijiet sseparaw legalment. L-attrici tispjega li f’ dan il-perijodu l-konvenut ta’ spiss kien ikun barra ghal certu zmien minhabba x-xoghol tieghu. Hija tispjega li ma kienitx taf lill-konvenut sewwa, tant li wara sentejn “ma flahtx aktar” u f’ Gunju 2004 irritornat lura Malta ghal kollox.

Illi l-Qorti wara ezami tal-kaz hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu precitat u dan fil-konfront ta’ l-attrici. Jirrizulta manifest li l-attrici, meta ddecidiet li tizzewweg, kienet ghadha zghira, immatura u impreparata ghall-impenn matrimonjali. Hija kienet affetta minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-dmirijiet

matrimonjali essenzjali, bir-rizultat li wara fit xhur ta' konvivenza attwali hija ma felhitx aktar f' dik il-hajja. Il-Qorti tosserva li z-zwieg mhuwiex avventura romantika, u xejn aktar, kif donna hasbet l-attrici; u certament ir-raguni ghaliex hadet decizjoni affrettata biex tizzewweg kienet zbaljata.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini ta' l-artikolu precitat. Mill-banda l-ohra, l-imputazzjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut D ma gewx provati.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg fuq indikat kuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Jannar 2002 huwa null u bla effett fil-ligi fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. L-ispejjez kollha a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------